# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum 7 t'Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 13/2015 CSH**

**Valhmor Borg Import Export Limited (C 3062)**

**Vs**

**Entertainments Limited bhala d-debitur principali u Simon u Sylvana konjugi Grima bhala garanti flimkien u in solidum ghad-debitur principali.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-13 ta' Jannar 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u in solidum lis-socjeta' attrici s-somma kumplessiva ta' sitt elef, hames mija w erbgha w sebghin Ewro w sitta w tletin centezmu (€6,574.36) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum lid-debitur principali mibjugha w konsenjati, bil-garanti flimkien u in solidum mad-debitur principali ggarantew il-hlas tal-ammont bilancjali, kif ukoll thallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk, tal-mandat ta' Qbid kawtelatorju fl-ismijiet premessi li qed ikun intavolat kontestwalment, tal-ittra bonarja tas-27 ta' Gunju 2013, tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, u bl-intimati kollha ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimati Entertainments Limited bhala d-debitur principali w Simon u Sylvana konjugi Grima, bhala garanti flimkien u in solidum mad-debitur principali, gew debitament notifikati bir-rikors promotur nhar id-9 ta' Gunju, 2015 meta thalliet kopja f'idejn l-istess Simon Grima. (fol. 13 tergo) u dan skond riferta posittiva tal-Marixall John Francica.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 2015 il-konvenuti gew imsejha izda ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tat-8 ta' Lulju, 2015.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2015 il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti Entertainments Limited bhala d-debitur principali w**

**Simon u Sylvana konjugi Grima, bhala garanti flimkien u in solidum mad-debitur principali jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef hames mija w erbgha w sebghin Ewro u sitta w tletin centezmu (€6574.36), ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju fl-ismijiet premessi pprezentat kontestwalment, tal-ittra bonarja datata 27 ta' Gunju 2013 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali kontra l-konvenuti.**

**Bl-imghax legali mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**